IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2021
COM(2021) 573 final

ANNEX 3

**Ekosistema tal-politika tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida**

**ANNESS**

***tal-***

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni**

**Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: sbuħija, sostenibbiltà, flimkien**

MT MT

# Werrej


*EKOSISTEMA TAL-POLITIKA TAL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA* ..... 2

1. Patt Ekoloġiku ..... 2
   1.1. Mewġa ta' Rinnovazzjoni ..... 2
   1.2. Pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" ..... 3
   1.3. Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari (CEAP) ..... 3
   1.4. Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero ..... 4
   1.5. Strateġija tal-UE dwar l-Infrastruttura Ħadra ..... 4
   1.6. Strateġija Ewropea ta' Adattament ..... 4
   1.7. Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 ..... 4
   1.8. Strateġija mill-Għalqa sal-Platt ..... 4
   1.9. Strateġija tal-UE għall-Foresti ..... 5
   1.10. Strateġija għat-Tessuti ..... 5
   1.11. Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà ..... 5
   1.12. Strateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija ..... 5
   1.13. Patt Klimatiku Ewropew ..... 6
   1.14. Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti ..... 6
2. Politiki Territorjali ..... 6
   2.1. Politika ta' Koeżjoni ..... 6
   2.2. Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE ..... 7
3. Setturi Kulturali u ta' Kreattività ..... 7
   3.1. Aġenda Ġdida Ewropea għall-kultura ..... 7
   3.2. Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali ..... 7
4. Dimensjoni soċjali ..... 8
   4.1. Strateġija għal Unjoni ta' ugwaljanza ..... 8
   4.2. Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ..... 8
   4.3. Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-Tfal u Garanzija Ewropea għat-Tfal ..... 8
5. Edukazzjoni u Ħiliet ..... 9
   5.1. Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ..... 9
   5.2. Edukazzjoni għas-Sostenibbiltà Ambjentali ..... 9
   5.3. Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-2030 ..... 9
6. Deċennju Diġitali ..... 10
   6.1. Kumpass Diġitali tal-2030 ..... 10
   6.2. Programm Ewropa Diġitali ..... 10

6.3. Att dwar il-Governanza tad-*Data* .......... 10
6.4. Pakkett tal-IA .......... 10
7. Riċerka u Innovazzjoni .......... 11
7.1. Orizzont Ewropa .......... 11
7.2. Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa: .......... 11
8. Dimensjoni Industrijali u intraprenditorjali .......... 12
8.1. Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa .......... 12

# *EKOSISTEMA TAL-POLITIKA TAL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA*

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha l-għan li tintegra s-**sostenibbiltà** mal-**inklużjoni soċjali** u mal-**estetika**, kif ukoll ma' elementi oħra tal-**kwalità tal-esperjenza**. Għalhekk huwa trasversali min-natura tagħha stess u transdixxiplinari bid-disinn tagħha stess.

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha l-għan li **ttaffi diskrepanzi u li toħloq konnessjonijiet** bejn id-dixxiplini, il-postijiet u n-nies, bl-użu tal-intelliġenza kollettiva u tal-għarfien kollettiv biex tiġi indirizzata l-kumplessità tal-isfidi li għandna quddiemna. **Approċċi integrati** jistgħu jottimizzaw ukoll l-impatti tal-politiki billi jrawmu sinerġiji għal tisħiħ reċiproku.

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida qed tibni fuq kuntest ta' politika tal-UE rikk, li jġib objettivi strateġiċi u punti ta' referenza fid-diversi dimensjonijiet li l-inizjattiva se jkollha l-għan li tintegra. Filwaqt li spiss jiffukaw biss fuq waħda mid-dimensjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, ħafna inizjattivi ta' politika diġà jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet abilitanti għall-iżvilupp tiegħu. Dan l-anness għandu l-għan li jippreżenta dawn l-**oqfsa ta' politika rilevanti**,



# 1. Patt Ekoloġiku

## 1.1. Mewġa ta' Rinnovazzjoni[1]

Il-Komunikazzjoni dwar il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa COM(2020) 662 turi l-għanijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida proposta. Il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tistipula għadd ta' prinċipji rilevanti għad-dekarbonizzazzjoni lejn l-2050 bħal: kunsiderazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u ċirkolarità; id-dekarbonizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; l-affordabbiltà; l-effiċjenza enerġetika l-ewwel; standards tas-saħħa u ambjentali għoljin; sikurezza; l-aċċessibbiltà; l-indirizzar tal-isfidi doppji tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; ir-rispett għall-estetika u għall-kwalità arkitettonika. Tidentifika l-persuni l-aktar vulnerabbli u l-bini bl-agħar prestazzjoni fis-segmenti residenzjali, amministrattivi, tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa bħala l-oqsma ta' prijorità ewlenin għar-rinnovazzjonijiet.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni jinkludi għadd ta' inizjattivi ta' segwitu fl-oqsma ta' politika differenti. Fosthom, il-Pjan direzzjonali għall-2050 għat-tnaqqis tal-Karbonju tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-bini (lesti sal-2023) skont il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, għandu jservi ta' sies għall-politika u għall-iżviluppi tas-suq futuri għal perjodu ta' żmien twil u fuq il-livelli ġeografiċi kollha - UE, nazzjonali u lokali. Se jissejjes fuq il-kunsiderazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u b'mod speċifiku jqis il-potenzjal taċ-ċirkolarità biex inaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju globalment, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-objettivi klimatiċi. Dan għandu jipprovdi viżjoni u b'dan il-mod jistabbilixxi d-direzzjoni għas-settur u għall-awtoritajiet pubbliċi.

## 1.2. Pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %"

Żewġ elementi tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" huma b'mod partikolari interessanti għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: Id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija u d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. It-tnejn li huma jappoġġaw it-trasformazzjoni tal-ambjent mibni f'konformità mal-miri klimatiċi tal-Unjoni Ewropea.

Lil hinn minn dawk, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" billi ġġib ideat innovattivi ġodda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fl-ambjent mibni, għall-infrastruttura sostenibbli u għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-ambjent mibni. Dan jikkombina l-kunsiderazzjonijiet tat-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà mal-kwalità tal-esperjenza ta' għajxien tagħna.

## 1.3. Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari2 (CEAP)

It-tieni CEAP adottat fl-2020 għandu l-għan li jżid l-effiċjenza fir-riżorsi, li jnaqqas l-impronta tal-konsum u l-impatti ambjentali u klimatiċi globali. Minbarra sensiela ta' miżuri leġiżlattivi, dan ressaq sensiela ta' strumenti volontarji, inkluż l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE), l-Ekotikketta tal-UE u l-Livell(i), biex jitrawmu l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tar-riżorsi u b'hekk isir kontribut għall-objettivi tal-EGD. Ta' rilevanza partikolari għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, il-kriterji eżistenti tal-

[1] https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-efficiency/energy-efficient-buildings/renovation-wave_mt
[2] https://ec.europa.eu/environment/pdf/circular-economy/new_circular_economy_action_plan.pdf

APE għal bini sostenibbli qed jiġu riveduti biex ikunu bbażati b'mod sod fuq kunċetti ta' ċirkolarità, permezz tal-indikaturi tal-Livell(i)[3]. Il-kamp ta' applikazzjoni jiffoka fuq bini pubbliku tipiku bħal uffiċċji, akkomodazzjoni soċjali u skejjel, u jkopri kemm bini ġdid kif ukoll rinnovazzjoni. Il-kriterji jkopru ċ-ċirkolarità, is-saħħa u l-kumdità, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-ispiża tul iċ-ċiklu tal-ħajja, u se jappoġġaw lill-akkwirenti pubbliċi biex ikunu minn ta' quddiem nett fit-triq lejn bini aktar sostenibbli. Din l-attività se tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-għodda ta' awtovalutazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala gwida biex jitkejjel sa liema punt proġett ikun sostenibbli, inklużiv u estetiku. In-negozji u l-konsumaturi jistgħu jikkontribwixxu għall-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi jixtru prodotti u servizzi bl-Ekotikketta tal-UE li jissodisfaw standards ambjentali għoljin tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE huma disponibbli għal prodotti tal-kisi ibsin, għal kisi tal-art ibbażat fuq l-injam, is-sufra u l-bambù, għaż-żebgħat u l-verniċ, għall-prodotti tat-tessuti, għall-għamara u għas-saqqijiet tas-sodod. Is-CEAP ħabbar modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart u tenna li l-Kummissjoni se tqis l-istabbiliment ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid u miri ta' riċiklaġġ għall-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni, kif ukoll għall-frazzjonijiet speċifiċi għall-materjal tiegħu.

### 1.4. Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero[4]

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" jistipula l-ambizzjoni li jiġi żgurat li t-tniġġis, inkluż fuq ġewwa, ma jagħmilx ħsara lis-saħħa u lill-ekosistemi tagħna. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-postijiet fejn ngħixu. Għalhekk, huwa jistabbilixxi inizjattivi emblematiċi biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ewlenin ta' ekoloġizzazzjoni u ta' innovazzjoni urbani u biex jintużaw it-Tewmin Diġitali Lokali biex jiġi evitat it-tniġġis, fuq ġewwa kif ukoll fuq barra. Għalhekk dan se jikkontribwixxi għad-dimensjonijiet ta' sostenibbiltà tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

### 1.5. Strateġija tal-UE dwar l-Infrastruttura Ħadra[5]

L-infrastruttura ekoloġika tgħaqqad mill-ġdid iż-żoni naturali vitali maċ-ċentri urbani, u tirrestawra u ttejjeb ir-rwoli funzjonali tagħhom. Dan huwa kunċett ta' ppjanar essenzjali lejn il-ħarsien tal-kapital naturali u fl-istess ħin lejn it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, u b'dan jagħmel kontribut essenzjali għas-sostenibbiltà, li hija element ewlieni għall-Inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea.

### 1.6. Strateġija Ewropea ta' Adattament[6]

L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima għandha l-għan li żżid u li taċċellera l-isforzi tal-UE biex in-natura, in-nies u l-għajxien jiġu protetti mill-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima. Għalhekk din se tikkontribwixxi għad-dimensjonijiet ta' sostenibbiltà tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fl-iffaċilitar tal-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tar-reżiljenza għall-klima fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini u tal-infrastruttura kritika. Il-missjoni ta' Orizzont Ewropa rigward l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima hija vettur ta' implimentazzjoni ewlieni tal-Istrateġija. Ir-reazzjonijiet u l-miżuri mfassla apposta u bbażati fuq il-post, li jinvolvu liċ-ċittadini mill-qrib fit-tfassil, fl-iżvilupp u fl-ittestjar tagħhom, se jkunu qasam wieħed fejn kemm il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida kif ukoll il-politika ta' adattament għat-tibdil fil-klima jistgħu jkunu allinjati.

---

[3] https://ec.europa.eu/environment/levels_mt
[4] COM(2021)400: https://ec.europa.eu/environment/strategy/zero-pollution-action-plan_en
[5] https://ec.europa.eu/environment/nature/ecosystems/strategy/index_en.htm
[6] "L-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima", COM(2021)82 Final

## 1.7. Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[7]

L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità enfasizzat id-diversi benefiċċji minn Spazji urbani ekoloġiċi, inklużi soqfa u ħitan ekoloġiċi, li huma element ewlieni għall-Inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida kemm għall-kontribut importanti għas-sostenibbiltà kif ukoll għall-aspett estetiku tagħhom. Il-lockdowns reċenti kaġun tal-pandemija tal-COVID-19 urewna l-valur tal-ispazji urbani ekoloġiċi għall-benesseri fiżiku u mentali tagħna. Barra minn hekk, il-veġetazzjoni se tgħin biex iż-żoni urbani jinżammu friski u biex jittaffa l-impatt tad-diżastri naturali. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-implimentazzjoni fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura se jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, billi d-disinn skont in-natura huwa wieħed mill-aktar effiċjenti, sostenibbli u tassew estetiku.

## 1.8. Strateġija mill-Għalqa sal-Platt[8]

L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għandha l-għan li tagħmel is-sistemi tal-ikel ġusti, tajbin għas-saħħa u ekoloġiċi. Hija għandha l-għan li tiżgura li kulħadd ikollu aċċess għal biżżejjed ikel sikur, sustanzjuż u sostenibbli u li jitnaqqas it-telf tal-ikel u li jkun hemm prevenzjoni tal-iskart. L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida ta' sostenibbiltà u ta' inklużjoni, pereżempju permezz ta' sistemi tal-ikel urbani, ġonna bi prodotti li jittieklu u sistemi tal-ikel ċirkolari.

## 1.9. Strateġija tal-UE għall-Foresti[9]

L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti tirsisti għal foresti akbar, aktar b'saħħithom u aktar diversifikati milli għandna llum, b'mod partikolari għall-ħżin u s-sekwestru tal-karbonju, il-waqfien tat-telf tal-ħabitats u tal-ispeċijiet u t-twettiq ta' funzjonijiet soċjoekonomiċi tal-foresti għad-deċennji li ġejjin. Hija tippreżenta wkoll argument li meta tinbena ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima, aħna niżguraw l-aqwa użu tal-injam f'konformità mal-prinċipju ta' użu kaskata. Dan ifisser li l-injam għandu jintuża kemm jista' jkun għal materjali u għal prodotti b'ħajja twila. Is-sehem mis-suq baxx attwali tal-injam bħala materjal tal-bini jeħtieġ li jiżdied, fejn jissostitwixxi materjali enerġetikament intensivi u dawk ibbażati fuq fjuwils fossili. Biex is-settur jitnieda fuq skala kbira, se jkunu meħtieġa aktar riċerka u innovazzjoni dwar materjal tal-bini b'ħajja twila u sikur ibbażat fuq l-injam. Dan jinkludi l-injam għall-bini, li se jkollu rwol fl-Inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

## 1.10. Strateġija għat-Tessuti[10]

Din l-istrateġija se tbiddel kif nipproduċu t-tessuti, kif nużawhom u kif nużawhom mill-ġdid. Il-ġenerazzjonijiet iżgħar se jkollhom rwol speċifiku biex jeliminaw id-diskrepanzi bejn il-ġenerazzjonijiet, biex jiddisinjaw it-tessuti tagħna mill-ġdid u biex irawmu l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. Dan se jitħeġġeġ billi jiġu appoġġati mudelli kummerċjali ġodda għad-durabbiltà, għall-kapaċità ta' tiswija u għall-kondiviżjoni, għall-iżvilupp ta' materjali innovattivi, għall-irkupru ta' materjali għall-għamara jew għal prodotti għall-bini f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u mal-

[7] https://ec.europa.eu/environment/strategy/biodiversity-strategy-2030_mt
[8] https://ec.europa.eu/food/horizontal-topics/farm-fork-strategy_en
[9] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12674-Il-foresti-strategija-gdida-tal-UE_mt
[10] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12822-Strategija-tal-UE-g%C4%A7al-tessuti-sostenibbli_mt

prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, għad-dimostrazzjonijiet u għall-proġetti ta' sensibilizzazzjoni ffinanzjati permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-UE bħal LIFE u Orizzont Ewropa.

## 1.11. Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà[11]

Hemm tħassib sinifikanti mill-popolazzjoni tal-UE dwar sustanzi kimiċi dannużi u l-konsegwenzi relatati għas-saħħa u għall-ambjent. Il-materjali u prodotti li jintużaw fil-kostruzzjoni għad-disinn intern u estern, it-tessuti, il-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, il-batteriji, it-turbini eoliċi, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-prodotti għall-konsumatur jinkludu varjetà kbira ta' sustanzi kimiċi, u mhux ftit minnhom huma dannużi u jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja tagħna. L-azzjonijiet fil-qafas tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà lejn ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi għandhom l-għan li jipproteġu aħjar liċ-ċittadini u lill-ambjent, u li jippromwovu s-sustanzi kimiċi u l-materjali li huma sikuri u sostenibbli skont id-disinn, billi jiżviluppaw kriterji rilevanti biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika, u b'hekk jiġi żgurat ukoll li l-bini, l-infrastrutturi u prodotti oħra fil-futur ikunu aktar sikuri, jikkontribwixxu għal futur sostenibbli u jnaqqsu l-impronta ambjentali ġenerali.

## 1.12. Strateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija[12]

Il-bijoekonomija tfittex modi ġodda ta' produzzjoni u ta' konsum tar-riżorsi filwaqt li tirrispetta l-limiti planetarji tagħna u torjenta lilha nfisha lil hinn minn ekonomija lineari bbażata fuq użu estensiv ta' riżorsi fossili u minerali. Materjal rinnovabbli b'bażi bijoloġika u ambjenti ekoloġiċi jistgħu jappoġġaw: (1). L-ilħuq tal-għanijiet tan-newtralità karbonika, taċ-ċirkolarità u tas-sostenibbiltà; (2). Il-ħolqien ta' impjiegi, speċjalment impjiegi rurali u l-għajxien; u (3). Il-kwalità tal-ħajja tan-nies (eż. f'termini ta' materjal tal-bini, l-injam jitqies bħala li huwa estetikament pjaċevoli, li jnaqqas l-istress, u li għandu proprjetajiet akustiċi tajbin).

## 1.13. Patt Klimatiku Ewropew[13]

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida hija marbut mill-qrib mal-Patt Klimatiku Ewropew, inizjattiva mifruxa mal-UE kollha li tistieden lin-nies, lill-komunitajiet u lill-organizzazzjonijiet biex jipparteċipaw fl-azzjoni klimatika u jibnu Ewropa aktar ekoloġika. Il-Patt iħeġġeġ wegħdiet ta' impenn, ikejjel il-progress u jiffaċilita diskussjonijiet bejn id-diversi atturi involuti fil-katina ta' provvista li jwasslu għar-rinnovazzjoni. Dan se joħloq soluzzjonijiet flimkien maċ-ċittadini permezz ta' Orizzont Ewropa, u se jgħarbel l-ideat li jistgħu jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Il-Patt Klimatiku Ewropew diġà għandu aktar minn 500 Ambaxxatur[14] li se jaċċelleraw l-azzjoni dwar il-klima u b'hekk jikkontribwixxu għal ċerti oqsma enfasizzati mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

## 1.14. Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti[15]

L-'Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti' tistabbilixxi pjan iddettaljat sabiex is-sistema tat-trasport tal-UE tikseb it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tagħha u ssir aktar reżiljenti għall-kriżi tal-ġejjieni. Din l-istrateġija tikkontribwixxi għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi permezz tagħha t-trasport isir l-abilitatur ewlieni biex jiżgura interazzjoni soċjali u billi jqarreb il-persuni u r-

---

[11] https://ec.europa.eu/environment/strategy/chemicals-strategy_en
[12] https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/bioeconomy/bioeconomy-strategy_en
[13] https://ec.europa.eu/clima/policies/eu-climate-action/pact_mt
[14] https://europa.eu/climate-pact/ambassadors/meet-our-ambassadors_mt
[15] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0789

reġjuni fl-Ewropa. Tipprovdi wkoll soluzzjonijiet sabiex it-trasport u l-mobbiltà jkunu aktar sostenibbli, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex l-irħula u l-ibliet tagħna jsiru postijiet aħjar għas-saħħa tagħna biex ngħixu fihom. Għandha wkoll l-għan li tagħmel il-mobbiltà aktar disponibbli u għall-but ta' kulħadd, inkluż għal dawk b'mobbiltà mnaqqsa, skont il-prinċipju ta' inklużività tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

## 2. Politiki Territorjali

### 2.1. Politika ta' Koeżjoni

Il-politika ta' koeżjoni hija strument ewlieni li jappoġġa t-trasformazzjoni ekoloġika u ġusta fost il-bliet u r-reġjuni fl-Ewropa, u b'hekk tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-Mewġa ta' Rinnovazzjoni. Billi l-politika ta' koeżjoni topera taħt ġestjoni kondiviża, din toffri potenzjal u opportunità importanti għall-istabbiliment tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fl-ekosistemi ta' żvilupp urban u reġjonali, kif ukoll għal adozzjoni ulterjuri mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. L-iżvilupp territorjali integrat promoss mill-politika ta' koeżjoni u strumenti apposta jippermettu li l-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali japplikaw il-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għall-investimenti b'mod li jkun sensittiv mil-lat territorjali. Barra minn hekk, il-Politika ta' Koeżjoni toffri opportunità unika biex jinħolqu soluzzjonijiet ġodda permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera u transnazzjonali

L-appoġġ għall-iżvilupp urban sostenibbli permezz tal-assenjazzjoni urbana obbligatorja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (8 % tal-allokazzjoni nazzjonali totali) u tal-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUR 400 miljun) joffri possibbiltajiet biex jiġu indirizzati sfidi urbani kumplessi, li jeħtieġu reazzjonijiet ta' politika interdixxiplinari għat-tranżizzjoni ekoloġika flimkien mal-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, billi jitrawwem approċċ ibbażat fuq il-post, integrat u inklużiv u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati lokali.

Barra minn hekk, il-Politika ta' koeżjoni hija mistennija tinvesti aktar minn EUR 100 biljun fi proġetti relatati mal-klima u mal-ambjent fil-perjodu 2021-2027. Hija se tiffinanzja wkoll riċerka dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija. Rigward l-investimenti fil-bini, il-politika ta' koeżjoni tista' tappoġġa proġetti mmirati lejn il-bini pubbliku, il-blokok b'diversi appartamenti, u l-"akkomodazzjoni soċjali". Il-politika ta' koeżjoni tista' tgħin ukoll lir-reġjuni jagħtu spinta lill-RŻ&I fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-bini, kif ukoll tappoġġa l-iżvilupp ta' materjali u ta' soluzzjonijiet ġodda għal rinnovazzjonijiet għall-but ta' kulħadd u durabbli.

### 2.2. Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE tidentifika l-isfidi ewlenin li ż-żoni rurali qed jiffaċċaw u tenfasizza l-opportunitajiet li huma disponibbli.

Il-Viżjoni għandha l-għan li tindirizza dawk l-isfidi, billi tibni fuq l-opportunitajiet emerġenti tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali soċjalment sostenibbli u fuq it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll billi tidentifika mezzi biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja rurali, jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat u jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku. Abbażi ta' prospettivi u ta' konsultazzjonijiet wiesgħa maċ-ċittadini u ma' atturi oħra f'żoni rurali, il-Viżjoni tipproponi Patt Rurali u Pjan ta' Azzjoni Rurali, li għandhom l-għan li jagħmlu ż-żoni rurali tagħna aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi; hija tappella biex il-Fondi kollha jaħdmu flimkien għall-iżvilupp sostenibbli ta' żoni rurali.

Fost l-azzjonijiet proposti, l-Azzjoni Emblematika dwar l-appoġġ lill-muniċipalitajiet rurali fit-tranżizzjoni tal-enerġija u fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tinkludi azzjonijiet biex tittejjeb il-kwalità tal-akkomodazzjoni rurali u ta' bini ieħor, u tippromwovi l-użu ta' finanzjament strutturali biex tiġi ffinanzjata l-mewġa ta' rinnovazzjoni, b'konnessjoni speċifika mal-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

# 3. Setturi Kulturali u ta' Kreattività

## 3.1. Aġenda Ġdida Ewropea għall-kultura[16]

Wieħed mill-prinċipji gwida tal-Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura u tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Kultura 2019-2022 huwa l-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli. Dan huwa rifless f'bosta gruppi ta' esperti tal-Istati Membri li għadhom għaddejjin, ikkoordinati mill-Kummissjoni (dwar arkitettura ta' kwalità għolja, il-wirt kulturali u t-tibdil fil-klima, u d-dimensjoni kulturali tal-iżvilupp sostenibbli), filwaqt li oħrajn jindirizzaw l-ekosistema usa' (il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri...). Barra minn hekk, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) se jistabbilixxi Komunità tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni speċifikament fil-qasam tal-Industriji u s-Setturi Kulturali u Kreattivi (CCSI). Objettiv strateġiku ieħor tal-Aġenda huwa li tiġi sfruttata s-setgħa tal-kultura u tad-diversità kulturali għall-koeżjoni soċjali u l-benesseri. B'hekk, l-Aġenda tikkontribwixxi għall-objettivi u għat-tliet dimensjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

## 3.2. Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali[17]

Bħala legat tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, il-Qafas Ewropew jenfasizza, permezz ta' 60 azzjoni, il-potenzjal tal-wirt kulturali li jsaħħaħ il-kapital soċjali, li jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u li jiżgura s-sostenibbiltà ambjentali. Bħala parti distintiva mill-ambjent (mibni) tagħna, il-wirt kulturali u l-bini storiku jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida ta' żvilupp inklużiv, sabiħ u sostenibbli.

# 4. Dimensjoni soċjali

## 4.1. Strateġija għal Unjoni ta' ugwaljanza

Il-Kummissjoni ntrabtet li tikseb Unjoni ta' ugwaljanza. Strateġiji apposta[18] stabbilixxew mekkaniżmi u azzjonijiet biex joħolqu il-kundizzjonijiet sabiex kulħadd jgħix u jirnexxi jkunu x'ikunu d-differenzi msejsa fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Barra mill-azzjonijiet immirati, l-integrazzjoni mtejba tal-ugwaljanza u tal-aċċessibbiltà fil-politiki, fil-leġiżlazzjoni u fil-programmi ta' finanzjament rilevanti kollha tal-UE, inkluż il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, se tkun ewlenija fil-kisba ta' Unjoni ta' Ugwaljanza.

---

[16] EUR-Lex - 52018DC0267 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

[17] Il-qafas Ewropew għall-azzjoni dwar il-wirt kulturali - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE (europa.eu)

[18] L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030.

L-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030[19] tenfasizza li l-aċċessibbiltà għall-ambjenti mibnija u virtwali hi prekondizzjoni sabiex il-persuni b'diżabilità jgħixu b'mod indipendenti u jipparteċipaw bis-sħiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja. L-aċċessibbiltà hija wkoll element ewlieni tas-sostenibbiltà tal-bini, li tagħmilhom aktar inklużivi, li jistgħu jintużaw minn diversità akbar ta' persuni u aktar durabbli peress li aktar adattati għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni. Ta' rilevanza għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida hu wkoll l-objettiv stabbilit fil-qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom biex jiżdied l-aċċess ugwali għal akkomodazzjoni desegregata adegwata u għas-servizzi essenzjali sal-2030.

### 4.2. Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[20]

Bil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni stabbiliet il-mira ambizzjuża li sal-2030 jitnaqqas b'mill-inqas 15-il miljun l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE – inklużi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla. Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida se tikkontribwixxi biex jiffavorixxi l-inklużjoni soċjali billi jippromwovi prinċipji ta' aċċessibbiltà, mhux biss għall-aċċessibbiltà fiżika, iżda wkoll għall-aċċessibbiltà għall-informazzjoni u għall-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Se tingħata wkoll attenzjoni partikolari għall-azzjonijiet relatati mal-affordabbiltà. Għalhekk, iż-żewġ inizjattivi huma interkonnessi mill-qrib.

### 4.3. Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-Tfal[21] u Garanzija Ewropea għat-Tfal[22].

Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-promozzjoni ta' soċjetajiet, sistemi edukattivi u tas-saħħa inklużivi u tajbin għat-tfal huma elementi ewlenin tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-Tfal, kif inhuma wkoll għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Filwaqt li tisħaq li kull tifel u tifla għandhom id-dritt għal standard tal-għajxien adegwat mill-istadju l-aktar bikri tal-ħajja, l-Istrateġija tenfasizza li t-tfal minn familji bi dħul baxx jinsabu f'riskju ogħla ta' deprivazzjoni severa fl-akkomodazzjoni jew ta' ffullar, u huma aktar esposti għall-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal tappella biex l-Istati Membri jipprovdu aċċess effettiv għal akkomodazzjoni adegwata (kif ukoll għal bosta servizzi ewlenin oħra, li xi wħud minnhom għandhom ikunu b'xejn) għat-tfal kollha f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar kif trid tiġi implimentata l-Garanzija Ewropea għat-Tfal għandhom ikopru l-perjodu sal-2030 u għandhom jiġu kkombinati ma' dawk li huma mmirati lejn trasformazzjonijiet territorjali fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku.

## 5. Edukazzjoni u Ħiliet

### 5.1. Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

Il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima[23] tfittex li b'mod konġunt toħloq komunità ta' edukazzjoni parteċipattiva biex jiġu appoġġati l-bidliet meħtieġa għal soċjetà newtrali għall-klima. Permezz tal-pjattaforma online tagħha, u b'mod ġenerali permezz tal-interazzjoni komunitarja tagħha, il-

---

[19] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8376&furtherPubs=yes
[20] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights_mt
[21] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0142
[22] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_.2021.223.01.0014.01.MLT&toc=OJ%3AL%3A2021%3A223%3ATOC
[23] https://education-for-climate.ec.europa.eu/_en

Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima tista' tospita konverżazzjonijiet u sfidi parteċipattivi ("wegħdiet ta' impenn") madwar prijoritajiet relatati mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. B'mod konkret, il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima tista' tħeġġeġ azzjonijiet li jippromwovu arrikkiment reċiproku bejn l-iskejjel ekoloġiċi, bħala strutturi fiżiċi, u l-elementi l-oħra kollha ta' ambjent ta' apprendiment (pedagoġiji innovattivi, apprendiment ibbażat fuq proġetti, timijiet ta' għalliema trasversali fis-suġġetti, eċċ.).

L-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej[24] jistgħu jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi jħeġġu lill-istudenti minn dixxiplini u minn pajjiżi differenti biex jaħdmu flimkien ma' periti, artisti, inġiniera u disinjaturi biex is-sostenibbiltà ssir realtà. Dawn se jippromwovu wkoll approċċ ta' istituzzjoni sħiħa fejn is-sostenibbiltà tkun inkorporata fl-attivitajiet kollha, f'konformità mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

## 5.2. Edukazzjoni għas-Sostenibbiltà Ambjentali

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni għas-Sostenibbiltà Ambjentali hija prevista għal tmiem l-2021. L-objettiv tagħha huwa li tappoġġa l-integrazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u tas-sostenibbiltà fil-fażijiet u fl-istadji kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-iskola, l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ professjonali.

Erasmus+ jipprovdi diversi modi ta' appoġġ għall-azzjonijiet tal-iskejjel u tal-edukazzjoni għolja dwar l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali, inkluż l-appoġġ ta' approċċi ta' istituzzjoni sħiħa għas-sostenibbiltà, kif ukoll il-kreattività u l-innovazzjoni f'konformità mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

## 5.3. Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-2030[25]

L-effetti kkombinati tat-tibdil teknoloġiku rapidu, id-diġitalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, ix-xejriet demografiċi u forom ġodda ta' xogħol jeħtieġu ideat innovattivi biex jiġi żgurat li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali mhux biss jadattaw għat-tibdil, iżda jkunu wkoll fuq quddiem nett fil-kontroll u fit-tmexxija ta' dan it-tibdil. L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa se tkun fundamentali għall-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi għandha l-għan li ttejjeb ir-rilevanza tal-ħiliet fl-UE biex issaħħaħ il-kompetittività sostenibbli, tiżgura l-ġustizzja soċjali u tibni r-reżiljenza tagħna, filwaqt li turi biċ-ċar id-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi. Hija għalhekk ankrata sew fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija Diġitali l-ġdida u fl-Istrateġiji Industrijali u tal-SMEs ġodda, billi l-ħiliet huma kruċjali għas-suċċess tagħhom. Barra minn hekk, hija tappoġġa wkoll il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Pont għall-Impjiegi – Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ".

[24] https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/european-education-area/european-universities-initiative_mt
[25] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223&langId=mt

# 6. Deċennju Diġitali

## 6.1. Kumpass Diġitali tal-2030[26]

Filwaqt li jibni fuq l-istrateġija 'Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa' li stabbilixxa programm ta' riforma politika, flimkien mal-Att dwar il-Governanza tad-Data, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Istrateġija għaċ-Ċibersigurtà, id-Deċennju Diġitali għandu l-għan li jsarraf l-ambizzjoni diġitali tal-UE għall-2030 - li tkun sovrana f'dinja miftuħa u interkonnessa, u li ssegwi politiki diġitali li jagħtu s-setgħa lin-nies u lin-negozji biex jaħtfu ġejjieni ċċentrat fuq il-bniedem, sostenibbli u aktar prosperuż - f'termini konkreti. Il-miri li huma ddefiniti għall-aċċellerazzjoni tal-forniment ta' teknoloġiji u servizzi diġitali trasversali (ħiliet, konnettività, diġitalizzazzjoni tan-negozju u tas-servizzi pubbliċi) se jikkontribwixxu għar-reazzjoni għall-isfidi identifikati mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (il-konnettività, id-distakk diġitali, l-eliminazzjoni tad-distanza bejn il-livelli lokali u globali). Il-mobilizzazzjoni u t-tisħiħ taċ-Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali huma objettiv ewlieni tad-Deċennju Diġitali. Xi wħud mill-200 ċentru fin-network huma mistennija jiffukaw ukoll fuq is-settur tal-kostruzzjoni, jew fuq il-kreattività u l-arti. Dawn se jiġu mmobilizzati fil-kuntest tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida biex jiġu żviluppati ambjenti u esperjenzi sostenibbli, inklużivi, reali u virtwali.

## 6.2. Programm Ewropa Diġitali

Il-Programm Ewropa Diġitali li għadu kif ġie stabbilit se jipprovdi finanzjament strateġiku biex jaċċellera l-irkupru ekonomiku u jsawwar it-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-ekonomija diġitali, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp u l-użu wiesgħa tat-teknoloġiji diġitali.

B'mod partikolari, il-Programm Ewropa Diġitali se jappoġġa l-approċċ parteċipattiv u l-implimentazzjoni ta' infrastrutturi għal komunitajiet intelliġenti li se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-iżvilupp tal-NEB. It-trawwim tat-Tewmin Diġitali Lokali jista' jrawwem ippjanar urban parteċipattiv għal ambjent ta' għajxien aktar aħdar u sostenibbli. Id-DEP se jappoġġa wkoll għadd ta' faċilitajiet tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni bl-IA (TEF) li se jrawmu l-innovazzjoni fost komunitajiet f'saħħithom u intelliġenti oħra.

Bosta inizjattivi diġitali, permezz tal-Ewropa Kreattiva, l-Europeana jew il-programm S+T+ARTS se jgħinu jibnu pontijiet bejn l-innovaturi diġitali u l-"atturi" (artisti, maniġers u żviluppaturi tal-ibliet, settur tas-saħħa) li se jikkontribwixxu għas-suċċess tal-NEB.

## 6.3. Att dwar il-Governanza tad-*Data*

F'Novembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet Att dwar il-Governanza tad-*Data* li jistabbilixxi qafas għall-kondiviżjoni tad-*data* u għall-governanza tal-ispazji tad-*data*. Dan se jipprovdi qafas legali li jippermetti li niġbru, niddependu fuq u nużaw aktar *data* għall-kostruzzjoni tal-bini tal-ġejjieni b'rispett akbar lejn l-ambjent u bl-inqas impronta tal-karbonju jew b'waħda żero.

## 6.4. Pakkett tal-IA

Permezz tal-pakkett tal-IA adottat f'April 2021, il-Kummissjoni tistabbilixxi s-sisien ta' l-ewwel qafas legali dwar l-intelliġenza artifiċjali fl-UE, kif ukoll nediet pjan koordinat mal-Istati Membri. L-għan tal-pakkett hu li jiggarantixxi s-sikurezza u d-drittijiet fundamentali tal-persuni u tal-kumpaniji,

[26] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/europes-digital-decade-digital-targets-2030_mt

filwaqt li jsaħħaħ l-adozzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni tal-IA mal-UE. L-użu tal-IA se jkun komponent ewlieni għall-mudelli ġodda ta' negozju li se jiżviluppaw fi ħdan il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u bħala sors ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi għal approċċi personalizzati, filwaqt li jinżamm ekwilibriju ottimali kemm bl-estetika kif ukoll bil-ħidma man-natura u bil-konnessjoni mill-ġdid magħha.

# 7. Riċerka u Innovazzjoni

## 7.1. Orizzont Ewropa[27]

Orizzont Ewropa se jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa abbażi ta' ktajjen tal-valur industrijali u tas-servizzi Ewropej li jkunu kompetittivi. Tranżizzjoni bħal din teħtieġ sforzi sostanzjali fir-riċerka u l-innovazzjoni interdixxiplinari fl-oqsma tat-teknoloġiji nodfa u tat-tranżizzjonijiet soċjali, hekk kif inhuma promossi mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jiddeterminaw il-ħeffa li biha tista' sseħħ din it-tranżizzjoni, u dan jaffettwa direttament l-impatti u l-kobenefiċċji, bħal kwalità aħjar tal-arja, żieda fl-impjiegi, inklużjoni soċjali, immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi, u dipendenza mnaqqsa fuq il-fjuwils fossili. Dawn il-miżuri kollha se jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà u għaċ-ċittadini billi joffru soluzzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi ta' żmienna. Il-kooperazzjoni u l-kreattività – speċjalment dawk xjentifiċi, soċjali u teknoloġiċi – huma l-pedament tal-paċi u l-prosperità għal kulħadd. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jista' jkollhom ukoll rwol fit-tixrid tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida lil hinn mill-UE, permezz tal-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[28], bħal permezz tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-istandards, l-aħjar prattika u ideat ġodda.

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), permezz tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs) tiegħu, jimplimenta attivitajiet li jlaqqgħu flimkien it-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tal-innovazzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Permezz tal-mudell ta' intervent tiegħu bbażat fuq il-post u l-ekosistema tiegħu ta' aktar minn 2 000 sieħeb li jinsabu madwar l-UE, l-EIT jinteraġixxi maċ-ċittadini u jqajjem kuxjenza dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, jappoġġa ideat kummerċjali ġodda li jintegraw il-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, u jaċċellera t-tkabbir ta' negozji ġodda tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

## 7.2. Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa[29]:

Biex jgħinu fit-trawwim ta' riċerka u innovazzjoni ambizzjużi, qalbiena u fit-tul, hemm ħames missjonijiet proposti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. Dawn huma: (1) 100 Belt Newtrali għall-Klima sal-2030 – miċ-ċittadini għaċ-ċittadini; (2) Ewropa Reżiljenti għall-Klima: It-tħejjija tal-Ewropa għal taqlib fil-klima u l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni lejn Ewropa ġusta u reżiljenti għall-klima sal-2030; (3) Nibżgħu għall-Ħamrija biex Nibżgħu għall-Ħajja; (4) Missjoni Starfish 2030: Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna; u (5). Negħlbu l-Kanċer: Missjoni Possibbli. Dawn il-missjonijiet għandhom l-għan li jipproduċu beni pubbliċi Ewropej fuq skala kbira biex jissolvew sfidi sistemiċi kbar. Bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, il-missjonijiet għandhom l-għan li jispiraw lill-pubbliku u li jispiraw l-immaġinazzjoni tagħhom, li jinvolvu liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati kif ukoll li joħolqu flimkien magħhom, u li jiżviluppaw ideat, prototipi, prodotti u soluzzjonijiet biex jixprunaw

[27] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/3c6ffd74-8ac3-11eb-b85c-01aa75ed71a1
[28] https://ec.europa.eu/info/files/communication-global-approach-research-and-innovation_en
[29] https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/missions-horizon-europe_en

it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Lil hinn mit-tnedija tad-dimostraturi fanal tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, il-missjonijiet dwar il-bliet u l-adattament għat-tibdil fil-klima juru potenzjal kbir għall-iżvilupp ta' sinerġiji ulterjuri mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Il-missjoni tal-Bliet se tniedi azzjoni speċifika biex jiġu inklużi l-prinċipji u l-valuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fl-iżvilupp tal-Kuntratti tal-Bliet Klimatiċi.

# 8. Dimensjoni Industrijali u intraprenditorjali

## 8.1. Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa [30]

L-industrija u l-intrapriżi huma atturi importanti fit-twassil ta' infrastruttura, ta' prodotti u ta' servizzi li jippermettu u li jikkontribwixxu għat-tnedija ta' realizzazzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.

Il-Kummissjoni Ewropea aġġornat l-istrateġija industrijali tagħha f'Mejju 2021 biex tiżgura li l-ambizzjoni industrijali tagħna tqis ċ-ċirkostanzi l-ġodda wara l-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li jiġi żgurat li l-industrija Ewropea tista' tmexxi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, diġitali u reżiljenti. Il-perkorsi ta' tranżizzjoni għall-14-il ekosistema identifikata se jkunu kruċjali biex jintlaħaq dak l-objettiv. L-ekosistema tal-kostruzzjoni ngħatat prijorità biex twassal riżultati għal dik it-tranżizzjoni, li se tkun ibbażata fuq pjan direzzjonali maħluq b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati u ma' setturi differenti tal-Kummissjoni permezz tal-Forum ta' Livell Għoli dwar il-Kostruzzjoni.

Il-perkors ta' tranżizzjoni tal-ekosistema tal-kostruzzjoni huwa rilevanti għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, billi jindirizza s-sostenibbiltà biex jgħin biex jitħarsu aħjar in-nies u l-ambjent permezz tat-tħeġġiġ tal-innovazzjoni, ta' persuni b'ħiliet aħjar u tal-iżvilupp ta' alternattivi sikuri u sostenibbli, jew tas-sostenibbiltà tal-prodotti għall-bini u tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u tal-prestazzjoni ambjentali tal-assi mibnija. Minbarra l-kostruzzjoni, għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida huma partikolarment rilevanti wkoll l-ekosistemi industrijali "tal-prossimità, l-ekonomija soċjali u s-sigurtà ċivili", "tal-industriji kulturali u kreattivi", "tat-turiżmu" jew "tat-tessuti" identifikati skont l-Istrateġija Industrijali. It-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali f'dawn l-ekosistemi, appoġġata minn perkorsi ta' tranżizzjoni li jmiss, tista' tikkontribwixxi ħafna biex jiġu avvanzati b'mod konkret il-valuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, u dan tul ktajjen tal-valur differenti.

[30] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0102&from=MT